MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Talba Numru. 408/2004

**Allied Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Allegro Andante Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm1,046.38c (elf u sitta w erbghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu) rapprezentanti l-hlas dovut ghal premia fuq poloz t'assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq nkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta'konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi s-socjeta' attrici pprezentat Nota ta' Cessjoni tas-sorte.
Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Edward Saliba li kkonferma li l-hlas tas-sorte sar fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici fuq il-kap ta' l-ispejjez tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------